MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1139/1997/1

**Agostino sive Winston Carbone**

**vs**

**Doriette Calabretta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-attur ghandhu jiehu minghand il-konvenuta is-somma ta' (Lm19400) dsatax-il-elf u erba' mitt lira import ta' self brevi manu moghti f'diversi okkazjonijiet; u

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Qorti m’ghandhiex:

Taqta’ u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Pocedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta’ (Lm19400) dsatax-il elf u erba mitt lira kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-prezentata ta’ din l-azzjoni kontra l-konvenuta li tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi hija qatt ma sselfet minghand l-attur u ghalhekk m’ghandha taghti xejn lill-istess attur u konsegwentement it-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linja sussidjaraja, jekk jirrizulta li l-attur ivversa xi ammont lill-eccipjenti jew ghall-beneficcju taghha, dan sar gratwitament u f’kull kaz a bazi ta kawza illecita stante r-relazzjoni bejniethom u ghalhekk ukoll it-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur;

Rat l-affidavit ta’ Assaker Assaker Zaadoulie Basmajan presentat mill-konvenuta;

Rat l-affidavit tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenuta;

Semghet l-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghjas-sentenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Ikkonsidrat:

L-attur jippretendi li hu ghandu iehu minghand il-konvenuta is-somma ta’ dsatax-il-elf u erba’ mitt lira (Lm19400) u dana bhala l-import ta’ self brevi manu moghti f’diversi okkazjonijiet. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuta tagi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Da parti taghha l-konvenuta qed teccepixxi li qatt ma sselfet minghand l-attur u kwindi m’ghandha taghti xejn lill-istess attur. Teccepixxi fit-tieni lok li jekk jirrizulta li l-attur ivversala xi ammont, dan sar gratwitament u f’kull kaz a bazi ta kawza illecita stante r-relazzjoni li kien hemm bejna u bejn l-attur. Fid-dikjarazzjoni taghha l-istess konvenuta tiddikjara li meta kienu flimkien, l-attur qatt ma talab xejn u kien biss wara li hi ma riedtx tkompli b’din ir-relazzjoni li beda jghamel dawn il-pretensjonijiet tieghu;

Mill-provi kollha prodotti jirrizulta sufficentement li l-attur, li hu ragel mizzewweg, u l-konvenuta kellhom relazzjoni intima li kienet damet fiz-zmien. Jirizulta ukoll li l-konvenuta minhabba din ir-relazzjoni kienet marret toqod go appartament gewwa San Giljan vicin hafna ta’ fejn joqod l-attur;

Il-mod kif l-attur ceda d-drittijiet tieghu favur l-konvenuta sabiex l-istess konvenuta setghet takkwista l-appartament taghha gewwa San Giljan jindika li bejn l-attur u l-konvenuta ma kienx hemm semplicement hbierija izda kien hemm xi haga ohra aktar profonda;

Dan hu ukoll indikat mill-ammont (mhux zghir) li l-attur jghid li ghadda lill-konvenuta jew li hallas ghall-interess tal-istess konvenuta. Inoltre l-attur stess jghid li ma kienx izomm notamenti tal-flus li jkun ghadda lill-konvenuta. Dan hu ukoll indikattiv li bej il-kontendenti ma kienx hemm biss hbiberija. Jirrizulta ukoll li l-ttur ghamel zmien ihallas il-kera ta’ fejn kienet qed toqod il-konvenuta;

Da parti tieghu l-attur ikkonferma li huwa ghadda lill-konvenuta s-somma inndikata fic-citazzjoni u dana f'varji okkazjonijiet u ghal diversi ragunijiet.  L-attur ikkonferma ukoll li parti minn din is-somma ta lill-konvenuta biex takkwista l-imsmmi appartament gewwa San Giljan. F’dan ir-rigward l-attur jghid li kien hallas it-taxxa tal-boll relattiva ghall-kuntratt ta’ akkwist. Hu qal li ta ukoll flejjes lill-konvenuta sabiex din tkun tista tghamel operazzjoni medika barra minn Malta, sabiex il-konvenuta tghamel pagamenti ghar-rigward tal-karozza li kienet xtrat u sabiex jithallas lura ammont li l-istess konvenuta kienet isselfet minnghand terzi. L-attur jghid ukoll li huwa ghamel tajjeb ghal xi dejn tal-istess konvenuta;

Ma jistax jigi eskluz li in effett l-attur hallas dawn il-flus fl-interess tal-konvenuta. Il-Qorti pero’ hi sodisfatta li jekk ghaddew dawn il-flus dan kien minhabba r-relazzjoni li kien hemm bejn l-attur u l-konvenuta. Ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta li l-attur sellef xi flus lill-konvenuta. L-attur, semmai, hallas dawn il-flus ghax ried hu u ma gie mgieghel minn hadd. Dak li ghamel l-attur ghall-konvenuta ghamlu gratwitament u m’ghandux jithallas lura l-ammonti li huwacjghid li hareg;

L-attur mhux kredibbli meta jghid li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni mal-konvenuta.  Il-provi jindikaw b’mod nett li dan mhux minnu. Lanqas ma hu kredibbli l-attur meta jghid li l-konvenuta kienet tghid li riedet thallsu lura u li huwa kien ghaddiela xi flus peress li l-istess konvenuta kienet tweghdu li ser thallsu lura. Mhux kredibbli l-attur meta jghid li huwa qatt ma kellu cavetta tal-appartament tal-konvenuta;

Inoltre l-kwestjoni fejn kien hemm involut Philip Xuereb ma tirrizultax b'mod car u nett. Ma jirrizultax kemm effettivament dan Xuereb sellef lill-konvenuta. Jirrizulta li fl-istess zmien tas-self lill-konvenuta anke l-attur kien issellef minnghand l-imsemmi Xuereb. Mhux zgur ghalhekk li l-ammonti semmai imhallsa lura mill-attur lill-istess Xuereb kinux dawk dovuti mill-konvenuta. F'dan ir-rigward ukoll il-konvenuta tghid li kien missierha li hallas lura l-flus lill Xureb;

Lanqas ma jirrizulta b'mod nett li jekk l-attur hallas xi flus ghall-konvenuta huwa kien qed ihallas minn flusu u mhux minn fondi ta' xi socjeta kummercjali;

Ghandu inoltre jigi rilevat li l-konvenuta da parti taghha kkonfermat li l-hbiberija li kien hemm mal-attur spiccat f'relazzjoni intima. Hi kkonfermat li l-attur qatt ma ta x'tifhem li kien ser jitolbha thallas lura l-ammonti li seta ghaddiela;

In vista ta dan kollu l-attur ma rnexxilux jipprova b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet tieghu u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghux jigu akkolti. Minn naha l-ohra l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jimmeritaw li jigu akkolti u dana peress li jirrizulta li l-konvenuta qatt ma isselfet minnghand l-attur u inoltre l-ammonti semmai versati mill-attur gew hekk ivversati gratwitament. Mhux il-kaz ghalhekk li tigi esaminata l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuta rigwardanti l-kawza illecita;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta kif jinghad fil-korp ta' din is-sentenza u konsegwentement u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------